# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 658/2014/2 MCH**

**Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba, Paul Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Frar, 2020, li bih l-intimat appellant Joseph Camilleri (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-rikorrent") għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fid-29 ta' Novembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l

hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") u terġa' tisma' l-appell tiegħu mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2018, għall-finijiet tal-Artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-atturi appellati (minn issa 'l hemm imsejħin "ir-ritrattati") fit-3 ta' Marzu, 2020, li biha u għar-raġunijiet minnu hemm imfissra, qalu li l-ilmenti mqajmin mir-rikorrent la fihom żball ta' liġi u wisq anqas żball ta' fatti, iżda lkoll kienu l-punti kontestati kemm quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza u kif ukoll quddiem din il-Qorti qabel ma tat is-sentenza attakkata;

3. Rat in-Nota tal-31 ta' Lulju, 2020[1] li biha s-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef Mark Chetcuti astjena milli jibqa' fil-kawża minħabba li kien ta s-sentenza fl-ewwel istanza;

4. Rat in-Nota tal-14 ta' Jannar, 2021[2], li biha l-Onorevoli Mħallef Giannino Caruana Demajo astjena milli jibqa' fil-kawża minħabba li kien wieħed mill-imħallfin komponenti din il-Qorti li taw is-sentenza attakkata u r-raġunijiet tar-ritrattazzjoni mressqa mir-rikorrent jiġġustifikaw tali astensjoni;

[1] Paġ. 343 tal-proċess
[2] Paġ. 351 tal-proċess

5. Rat is-surroga tat-18 ta' Jannar, 2021[3], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa komposta;

6. Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2019;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Frar, 2021, f'liema data ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza *in rescindente*;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza attakkata mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-appell tar-rikorrent u ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2018, li kienet laqgħet it-talbiet tal-atturi ritrattati u sabet li omm il-partijiet, Antonia Camilleri, li mietet fl-1 ta' April tal-2014, kienet iġġiegħlet minn binha r-rikorrent biex tagħmel it-testment tagħha fit-22 ta' Ġunju, 2011, fl-atti tan-Nutar Marco Burlo', u għalhekk l-istess binha r-rikorrent ma kienx jistħoqqlu jirċievi b'testment mill-wirt tagħha għall-finijiet tal-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili;

[3] Paġ. 352 tal-proċess

9. Illi r-rikorrent iħoss li hemm lok għar-ritrattazzjoni ta' l-imsemmi appell fuq is-saħħa ta' dak maħsub fil-paragrafi (e) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi biex is-sentenza tal-lum tinftiehem aħjar, il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib il-parti rilevanti tas-sentenza attakkata;

11. Illi dik is-sentenza tgħid hekk:

> "*3. Il-konvenut Joseph Camilleri ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan appell minnha. L-aggravju tiegħu bażikament jirrigwarda l-konklużjoni tal-ewwel Qorti fejn hija rriteniet li:*
>
> > *"….intwera sodisfaċentement li dak il-ħin li Antonia Camilleri għamlet it-testment sigriet, ir-rieda tagħha kienet karpita minn vizzju billi intużat pressjoni magħmula b'qerq fuq mara vulnerabbli, li żammha milli tagħmel testment li jiswa, u milli tgħid fih dak li riedet tagħmel bla indħil."*
>
> *"4. Huwa fir-rigward ta' tali konklużjoni jsostni bil-qawwa kollha li ma kien hemm l-ebda pressjoni jew qerq u jargumenta li fil-fatt ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward. Huwa jagħmel diversi punti u argumenti (spiss ripetuti) li din il-Qorti qegħda telenka in suċċint hawn taħt:*
>
> *"- L-ewwel Qorti kkunsidrat biss li ladarba t-testatriċi setgħet kienet bniedma vulnerabbli, ifisser awtomatikament li kienet imġegħla tagħmel it-testment, meta mill-atti tali pressjoni jew qerq imkien ma jirriżulta.*
>
> *"- In-Nutar Marco Burlo xehed li daħal mas-segretarja fil-kamra tat-testatriċi, irriżultalu li kienet luċida, u iddettatlu kif riedet tiddisponi minn ġidha, anke wara li spjegalha l-konswegwenzi tal-fatt li kienet ser tħalli lill-konvenut biss bħala l-eredi tagħha.*
>
> *"- Il-konvenut jew familjari tiegħu lanqas biss daħlu fil-home: ħallew lit-testatriċi man-nutar fil-liberta` kollha.*

*"- Li kieku t-testatriċi kienet verament imġiegħlha, in-Nutar, li huwa serjissimu u b'reputazzjoni eċċellenti b'30 sena esperjenza, kien jinduna jew jissuspetta u kien iwaqqaf il-proċess.*

*"- In-nutar ma talabx psikjatra għaliex ma ħassx li kien hemm bżonn.*

*"- Il-proċess ma twaqqafx għaliex id-dispożizzjonijiet tat-testment jirriflettu x-xewqa tat-testatriċi.*

*"- In-nutar xehed li dak li tniżżel sar fuq dak li saqsa lit-testatriċi. Qal li hija prassi normali li jsaqsi għal darba, darbtejn, tlieta, u ġieli meta jagħlaq il-bieb jgħid lit-testaturi li jekk ma jixtiequx jagħmlu testment jistgħu joħorġu minn għandu qishom għamlu testment minkejja li ma jkunux għamluh.*

*"- Ix-xiehda tal-psikjatri u tobba ftit li xejn jixħtu dawl fuq it-talbiet attriċi, għaliex ix-xiehda tagħhom tirrigwarda l-kapaċita` o meno tat-testatriċi li tiddisponi minn ġidha, kwistjoni li tmur oltre l-premessi, kawżali u talbiet.*

*"- It-testment sar kważi tliet snin qabel ma mietet l-attriċi, u għalhekk kieku verament kienet mhedda jew imġiegħla, setgħet terġa' ġġib lin-Nutar sabiex iddawwar dak li għamlet.*

*"- Anke kieku għall-grazzja tal-argument it-testatriċi kienet mara vulnerabbli, dan ma jfissirx awtomatikament li kienet imġegħla jew mhedda; xorta kien irid jiġi ppruvat il-qerq. Il-vulnerabilita` ta' persuna ma tirrendix testment awtomatikament null.*

*"- F'każ ta' dubju li l-volonta` tat-testatriċi kienet vizzjata minn qerq, il-Qorti kellha tiddeċiedi favur il-validita` tat-testment.*

*"- Il-konvenut dejjem ħa ħsieb ommu u missieru, kuntrarjament għall-atturi.*

*"- Tant ma kienx hemm provi ta' att doluż da parti tiegħu li l-atturi (minkejja l-kawżali u t-talbiet) ibbażaw il-provi tagħhom fuq l-allegazzjoni li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċitajiet mentali sabiex tkun tista' tiddisponi minn ġidha.*

*"- Għalkemm xehdu 4 tobba/psikjatri, l-ebda minnhom ma qal li t-testatriċi f'xi ħin jew ieħor kienet qed tiġi imġegħlha jew imbeżża' mill-konvenut.*

*"- Għalkemm l-ewwel Qorti ikkunsidrat illi kawżali ta' inkapaċita` mentali u kawżali ta' qerq u theddid huma kontradittorji, u minkejja li l-atturi ibbażaw il-kawża fuq l-inkapaċita` tat-testatriċi u mhux fuq att vjolenti jew doluż, il-Qorti straħet fuq il-vulnerabilita` tat-testatriċi.*

*"- L-atturi tul is-snin għamlu l-ħajja tat-testatriċi infern, qatt ma ġabulha rispett, għajjruha, għajtu magħha u kienu jarawha biss bħala wirt.*

*"- Fil-każ tad-dikjarazzjonijiet magħmula minnha, it-testatriċi kellha lill-atturi jgħajtu u jidgħu f'wiċċha, iżda fil-każ tat-testament kienet waħedha man-nutar li kien qed jispjegalha bil-kwiet x' kien qed jiġri.*

*"- It-testment jirrifletti r-relazzjoni li t-testatriċi kellha ma' uliedha, fejn għażlet volontarjament u mingħajr pressjoni jew qerq, li tinnomina lill-konvenut (l-uniku wild tagħha li kien jieħu ħsiebha u joħroġha) bħala l-uniku eredi tagħha.*

*"**Risposta tal-atturi appellati (02.04.2018):***

*"5. L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u jistħoqqilha tikseb konferma fl-intier tagħha minn din il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.*

*"**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI***

*"6. Jiġi osservat fl-ewwel lok li l-atturi aħwa Camilleri mhux qegħdin jippruvaw jimpunjaw it-testment li għamlet ommhom Antonia Camilleri fit-22 ta' Ġunju 2011 minħabba nuqqas ta' kapaċita` mentali. Dak li qegħdin jitolbu hu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-kunsens tagħha kien vizzjat minħabba li ġiet imhedda u mġiegħla b'qerq minn huhom il-konvenut Joseph Camilleri biex tinnominah bħala l-eredi universali tagħha, u biex konsegwentement jiġi dikjarat li l-istess Joseph Camilleri mhux dehen li jirċievi b'tali testment abbażi tal-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Ovvjament f'dak il-każ jiġi li t-testment huwa kollu bla effett.*

*"7. Mis-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti xtarret sew il-provi u dokumenti prodotti, saħansitra għamlet "timeline" tal-fatti rilevanti. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li hija wkoll telenka l-fatti rilevanti kronoloġikament, forsi f'daqsxejn iktar dettall mill-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda d-dokumenti imsemmija, sabiex wieħed ikun jista' jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*"16.09.1975 **John Camilleri, missier il-kontendenti, għamel testment**[4] fl-atti tan-nutar Dr Tonio Spiteri, fejn innomina lis-sitt (6) uliedu (cioe` l-atturi u l-konvenut) bħala l-eredi universali tiegħu.*

*"13.11.2009 **John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti, għamlu dikjarazzjoni**[5] fejn iddikjaraw li l-ġid tagħhom riduh:*

> *"jinqasam ugwalment bejn s-sitt (6) aħwa mingħajr ebda preferenzi".*

*"Dan id-dokument ġie iffirmat mhux biss minnhom iżda wkoll mill-ħames (5) uliedhom l-atturi.*

[4] Dok EMM1, fol 32
[5] Dok EMM5, fol 38

*"11.12.2009* ***Ċertifikat tal-psikjatra Dr George Debono***[6] *fejn qal li Antonia Camilleri għandha "contractual ability".*

*"01.02.2010* ***John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti, għamlu dikjarazzjoni***[7] *fejn inter alia qalu li:*

> *"Aħna dejjem kellna u għad għandna fiduċja fl-operat tat-tifel tagħna Joseph Camilleri, bħala mandatarju tagħna u hija x-xewqa tagħna illi huwa jkompli b'dan l-istess inkarigu bħala l-uniku mandatarju tagħna."*

*"Dan id-dokument ġie ffirmat mhux biss minnhom, iżda mis-sitt (6) uliedhom ukoll.*

*"08.07.2010* ***John u Antonia Camilleri, il-ġenituri tal-kontendenti għamlu dikjarazzjoni***[8] *fejn qalu li ma kellhomx fiduċja f' Joseph Camilleri u li d-dikjarazzjoni preċedenti kienet saret b'rikatt. Huma inter alia iddikjaraw hekk:*

> *"…m'għandniex fiduċja fl-operat tal-prokuratur li għamilna xi żmien ilu, it-tifel tagħna Joseph Camilleri…irridu li uliedna Josephine Camilleri… u Emmanuel Camilleri…ikunu l-prokuraturi ġenerali tagħha ….Irridu li l-ġid kollu tagħna preżenti u futuri….jinqasmu ugwalment bejn is-sitt aħwa, mingħajr ebda preferenzi. Joseph Camilleri m'għandu dritt għal xejn iktar minn ħutu għal doveri li jagħmel lejna għax ħutu għamlu u għandhom jagħmlu doveri lejna mingħajr ebda ħlas…..id-dikjarazzjoni li aħna u s-sitt uliedna għamilna fl-01.02.2010 saret b'rikatt mit-tifel tagħna Joseph Camilleri u għalhekk hija nulla u bla effett."*

*"Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mhux biss minnhom, iżda wkoll mill-ħames (5) uliedhom l-atturi odjerni u n-Nutar John Spiteri.*

*"08.07.2010* ***Ċertifikat tat-tabib tal-familja Dr Christopher Deguara***[9] *fejn iddikjara li John u Antonia Camilleri "are both mentally lucid" u "fit to dispose of their belongings".*

*"22.07.2010* ***Prokura ta' John Camilleri***[10] *(missier il-kontendenti) favur il-konvenut.*

*"07.09.2010* ***Ċertifikat tal-psikjatra Dr Anthony Dimech***[11] *fejn wara li eżamina lil Antonia Camilleri irrakomanda li ssir interdetta.*

> *"…suffers from cognitive impairment, cardiac problems,*

[6] Fol 130 u tergo
[7] Dok EMM2, fol 33
[8] Dok EMM3, fol 34
[9] Fol 35
[10] Fol 176-178
[11] Dok EMM4, fol 36-37

*insulin-dependant diabetes and has a past history of stroke (CVA) and depression….her memory was severely impaired with problems with both registration and retrieval. Her concentration was also signficantly impaired….nursing staff confirmed a chronic cognitive impairment….”*

*“19.10.2010 **Rikors tal-atturi odjerni għall-interdizzjoni tal-ġenituri tagħhom John u Antonia Camilleri**[12] (residenti f' dar tal-anzjani il-Mosta).*

*“16.01.2011 Miet missier il-kontendenti, John Camilleri[13].*

*“24.03.2011 **Prokura ta' Antonia Camilleri** (omm il-kontendenti) favur il-konvenut.[14]*

*“15.04.2011 **Ċertifikat tal-psikjatra Dr George Debono**[15] fejn qal li Antonia Camilleri għandha “contractual capacity”.*

*“19.04.2011 **Donazzjoni magħmula minn Antonia Camilleri**[16] fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia lil Yvonne Camilleri (mart binha l-konvenut) ta' 11/24 partijiet indiviżi minn garage bin-numru 12, Triq Dun Karm Xerri, Naxxar (valur dikjarat: €16,000)*

*“14.06.2011 **Risposta tal-konvenut**[17] fejn qal li “riċentement” sar jaf bil-proċeduri biex ommu tiġi interdetta. Huwa sostna li mhux minnu li mhix fi stat li tieħu ħsieb ħwejjiġha u għalhekk insista li t-talba ta' ħutu (l-atturi odjerni) biex ommu tiġi interdetta tiġi miċħuda. Huwa għamel riferenza għaċ-ċertifikati tal-psikjatra Dr George Debono tal-11 ta' Diċembru 2009 u tal-15 ta' April 2011.*

*“22.06.2011 **Antonia Camilleri għamlet it-testment (sigriet)**[18] mertu ta' din il-kawża, fejn innominat lill-konvenut bħala l-uniku eredi universali tagħha.*

*“12.07.2011 **Antonia Camilleri għamlet dikjarazzjoni**[19] (maħluf quddiem in-nutar Burlo) fejn qalet is-segwenti:*

*“- nhar is-17 ta' Ġunju 2007 jien u r-raġel tiegħi John Camilleri għamilna skrittura (li għalina kienet torbot daqs li kieku għamilniha taħt ġurament) li permezz tagħha għaddejna d-dritt ta' kumpens li kellu jtina l-Gvern fuq art li ħadilna tal-Magħtab lit-tifel tagħna Joseph Camilleri;*

---

[12] Fol 40
[13] Ċertifikat tal-mewt fol 124
[14] Fol 179-180
[15] Fol 130 u tergo
[16] Fol 165 et seq
[17] Fol 128
[18] fol 6
[19] Dok DB1, fol 204

*- fil-fatt il-Gvern ħallasna din is-somma u aħna għaddejniha lit-tifel tagħna Joseph bħala kumpens ta' kemm dar bina u tas-serviġi li rrendilna;*

*- bħala kumpens ta' kemm dar bina u tas-serviġi li għamel magħna u li għandu jagħmel miegħi għaddejnilu ukoll il-qbiela tar-raba kollha li kellna tal-Magħtab, ossia tal-Għallis u l-beni li kellna l-Magħtab ossia tal-Għallis."*

*"09.11.2011* ***Rapport tal-perit psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino***[20]*, fejn wara li eżamina lil Antonia Camilleri irrakkomanda li tiġi* ***interdetta.***

*"…għandha menomazzjoni fil-kapaċita` konjittiva tagħha. Mill-eżami psikiku deher ċar illi l-memorja għal episodji riċenti hija mnaqqsa ħafna u aktar għandha memorja għal fatti remoti. Minkejja l-fatt illi ma jidhirx li tbati minn xi kundizzjoni psikjatrika akuta, stajt nikkonstata li l-funzjonament konjittiv tagħha huwa mnaqqas konsiderevolment. Dan jista' jkun minħabba l-fattur tal-eta` kif ukoll numru ta' kundizzjonijiet li jista' jwasslu għal nuqqas ta' ċirkolazzjoni fil-moħħ u tippreżenta kwadru kliniku ta' demenzja li tista' tkun tat-tip "multi-infarct". Fid-diskors tagħna kien hemm evidenza ta' disartria (titkellem b'ilsienha tqil) u f'xi żmien kienet anke tieħu l-warfarina. Dan jista' jfisser li fil-passat seta' kellha xi stroke. Għaldaqstant is-sinjura Camilleri hija vulnerabbli u tista' tiġi esplojtata minn terzi.*

*"Nirrakomanda illi tiġi interdettata u jinħatar kuratur biex jissalvagwardja l-interessi tagħha."*

*"09.11.2011* ***Digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li permezz tiegħu ġiet interdetta Antonia Camilleri***[21]*. Il-Qorti innominat lill-attriċi Josephine Camilleri bħala kuratriċi tagħha.*

*"29.11.2011* ***Rikors tal-konvenut fejn talab ir-revoka***[22] *contrario imperio tad-digriet tal-interdizzjoni ta' Antonia Camilleri; u alternattivament li tiġi ordnata l-inabilitazzjoni, u li f'tali eventwalita` ikun hu li jiġi nominat kuratur tagħha.*

*"10.05.2012* ***Nota tal-perit psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino***[23] *fejn ikkonferma li Antonia Camilleri mhix mentalment kapaċi biex toqgħod f'kawża, biex tagħmel testment jew kuntratti li permezz tagħhom tittrasferixxi beni u/jew tidħol f'obbligi kuntrattwali.*

*"18.07.2012* ***Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġudisdizzjoni Volontarja)*** *wara li qieset id-dikjarazzjoni kategorika li għamel il-perit psikjatra fin-*

[20] Dok EMM8, fol 49 et seq
[21] Fol 41
[22] Dok EMM9, fol 54-55
[23] Fol 57

*nota tiegħu, ikkonkludiet li ma kienx il-każ li tħassar jew tvarja d-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2011. Għalhekk **ċaħdet ir-rikors tal-konvenut**[24].*

*"Mietet Antonia Camilleri.*

*"8. Minn din it-"timeline" wieħed ma jistax ma josservax fl-ewwel lok il-kontradizzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet u l-aġir tal-ġenituri tal-kontendenti, senjatament fejn:*

*"- iddikjaraw li għandhom fiduċja fil-konvenut, imbagħad iddikjaraw li m'għandhomx, imbagħad il-missier, u ftit wara l-omm, għamlu prokuri favur tal-konvenut; u*

*"- iddikjaraw li riedu li l-ġid kollu tagħhom jinqasam ugwalment bejn is-sitt aħwa u li l-konvenut ma ħaqqu xejn iktar minn uliedhom l-oħra għad-doveri li għamel fil-konfront tagħhom stante li l-oħrajn kollha jagħmlu doveri bla ħlas, imbagħad l-omm iddikjarat li l-kumpens li kienu ħadu mingħand il-Gvern tal-art għaddewh lill-konvenut bħala servizzi ta' kemm dar bihom. Barra minn hekk l-omm għamlet donazzjoni ta' sehem indiviż minn garaxx lil mart il-konvenut u għamlet ukoll testment fejn ħalliet kollox lill-konvenut (ir-raġuni għaliex saret il-kawża odjerna).*

*"9. Minn dan kollu huwa evidenti li (kif osservat l-ewwel Qorti) kienet qed issir pressjoni indebita miż-żewġ naħat fuq il-ġenituri tagħhom. Jidher pero` li filwaqt li dak li xtaqu l-atturi kien li l-aħwa kollha jieħdu l-istess mill-ġid tal-ġenituri tagħhom; il-konvenut jidher li ippretenda iktar minn hekk. Ta' sinifikanza partikolari huwa l-fatt li hekk kif il-konvenut sar jaf li kien hemm proċeduri għall-interdizzjoni ta' ommhom, u ppreżenta r-risposta relattiva għar-rikors ta' ħutu, **proprju ġimgħa wara sar it-testment ta' ommu, fejn adirittura ħallietlu kollox!***

*"10. Huwa minnu li l-azzjoni odjerna mhix ippernjata fuq l-inkapaċita` mentali tal-omm, u għalhekk din il-Qorti mhix ser tiffoka wisq fuq ir-riżultanzi tal-psikjatri/tobba fir-rigward. Madanakollu ma jistax jiġi kkontestat li fiż-żmien li sar it-testment, Antonia Camilleri kienet mara anzjana u vulnerabbli u allura ferm suxxettibbli għad-dolo. Ovvjament, il-fatt innifsu li kienet vulnerabbli ma jfissirx "awtomatikament" li t-testment għamlitu għaliex kienet imġegħlha, kif tajjeb jargumenta l-konvenut appellant. Iżda l-kundizzjoni tagħha, flimkien mas-segwenti fatti, cioe`:*
*"(i) l-fatt li t-testment sar ġimgħa wara li l-konvenut sar jaf bil-proċeduri tal-interdizzjoni;*
*"(ii) iċ-ċirkostanzi tal-mod kif sar it-testment u x-xiehda xejn kredibbli tal-konvenut fir-rigward; u*
*"(iii) id-dinamika familjari tal-konvenut u martu vis-à-vis Antonia Camilleri li toħroġ mid-DVD li ppreżenta l-konvenut stess, jindikaw*

[24] Fol 58

*mhux bil-ftit l-intervent tiegħu. Dan kollu jimmilita konsiderevolment <u>kontra</u> l-allegazzjoni tal-konvenut li t-testment sar liberament minn ommu u li ma kinitx imġegħla minnu biex tagħmlu u tiffavorixxi lilu.*

*"11. Veru li n-<u>Nutar Marco Burlo</u> xehed li Antonia Camilleri kienet waħedha miegħu u mas-segretarja tiegħu meta qaltlu kif riedet tiddisponi minn ġidha, u veru wkoll li xehed li ma kien hemm xejn li seta' wasslu biex jissuspetta li kienet qed tagħmel it-testment kontra r-rieda tagħha, madanakollu, dan ma jeskludix li hija kienet fil-fatt imġegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment u tħallilu kollox. Ta' rilevanza ukoll hu l-fatt li tqabbad nutar li mhux soltu jinqdew bih, bħal ma kien in-Nutar John Spiteri.*

*"12. Bint il-konvenut, <u>Priscilla Agius</u> xehdet li nannitha kienet qaltilha biex iġġibilha nutar u li hija kienet sabet lin-nutar Burlo fuq il-"yellow pages" u talbitu jmur fid-dar tal-anzjani "biex jara x'għandha bżonn". Qalet li kienet iltaqgħet miegħu u mas-segretarja tiegħu barra d-dar tal-anzjani u spjegatilhom fejn kienet il-kamra ta' nannitha.*

*"13. Il-konvenut da parti tiegħu xehed hekk:*

> *"ma kelli x'naqsam assolutament xejn mat-testment li ommi għamlet man-Nutar Dr Marco Burlo fit-22 ta' Ġunju 2011 u lanqas biss kelli idea illi dan it-testment kien qed isir.*
> *"Jiena sirt naf illi ommi għamlet dan it-testment meta rajt il-kont tan-nutar. Ma niftakarx jekk kontx irċevejt il-kont id-dar jew kontx rajtu meta mort nara lil ommi ġewwa l-home. Li naf hu illi meta rajt il-kont u mort inżur lil ommi bħas-soltu ġewwa l-home ommi kienet qaltli li għamlitu u li ġabitilha n-Nutar binti, Priscilla Agius.*

*"14. I<u>n-Nutar Dr Marco Burlo</u> xehed li t-testment sar fid-dar tal-anzjani fejn kienet residenti Antonia Camilleri. Jirriżulta li n-Nutar fil-fatt mar darbtejn: l-ewwel darba meta sar it-testment (fit-22 ta' Ġunju 2011), u t-tieni darba meta saret id-dikjarazzjoni Dok DB1 (fit-12 ta' Lulju 2011), vide supra. (Jiġi enfasizzat li kemm it-testment, u kif ukoll id-dikjarazzjoni, jiffavorixxu lill-konvenut u huma ta' vantaġġ għalih). In-Nutar xehed li ltaqa' mal-konvenut barra r-residenza tal-anzjani, għalkemm mhux ċert jekk dan kienx l-ewwel jew it-tieni darba li mar: "Iltqajt mas-sinjur barra, ma nafx jekk biex jurini fejn, la naf l-ewwel darba jew it-tieni darba, ma nafx." Xehed ukoll li jekk jiftakar sew, il-konvenut kien mar għandu. Xehed ukoll illi l-flus tahomlu l-konvenut: "Tani l-flus dak li imbagħad meta nfetaħ it-testment kien il-werriet, il-konvenut."*

*"15. Kif osservat l-ewwel Qorti, il-konvenut mhux kredibbli meta jgħid li induna li ommu kienet għamlet testment meta sab il-kont tan-Nutar. Huwa verament assurd da parti tal-konvenut li jippretendi li din il-Qorti sejra temmen li "**kumbinazzjoni"** proprju l-istess żmien li sar jaf li ħutu fetħu proċeduri biex ommhom tiġi interdetta (għal liema interdizzjoni huwa oppona bil-qawwa kollha), ommu talbet nutar, u bintu ħaditulha,*

*u li hu lanqas biss kellu idea li kien qed isir it-testment!*

*"16. Finalment, b'riferenza għad-DVD fejn tidher qegħda titkellem Antonia Camilleri, apparti l-fatt li dakinhar (23.01.2013) kienet diġa` interdetta, kif osservat l-ewwel Qorti, jinstema' diskors suġġestiv tal-konvenut u ta' martu (fejn kienu qed isaħħnuha kontra uliedha l-oħra) u għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tagħti piż id-diskors ta' Antonia Camilleri. Jekk xejn dan id-DVD[25] huwa evidenza ta' kemm il-konvenut u martu ma kinux joqogħdu lura milli jxewxu u jimlew lil Antonia Camilleri kontra uliedha l-oħra, fatt li kompli jsaħħaħ il-konklużjoni tal-ewwel Qorti (u ta' din il-Qorti) li Antonia Camilleri kienet imġegħla mill-konvenut biex tagħmel it-testment in kwistjoni.*

*"17. Din il-Qorti, fid-dawl tas-suespost, hija moralment konvinta li meta Antonia Camilleri għamlet it-testment tat-22 ta' Ġunju 2011 kienet imġiegħlha sabiex tagħmlu mill-konvenut*";

12. Illi, kif ingħad qabel, ir-rikorrent qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza attakkata taħt żewġ kawżali minn fost dawk maħsuba fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. L-ewwel waħda hija l-kawżali li s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin (art. 811(e)); filwaqt li t-tieni kawżali hija dik li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(l));

13. Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[26]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax

[25] DVD jinsab f'involokru tal-plastik wara fol 171

[26] App. Ċiv. **12.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et***

imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

14. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

15. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li, taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi[27];

16. Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza applikat il-liġi ħażin** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrent jgħid li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qiegħed jitlob it-tħassir, "applikat l-Artikolu 605(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[27] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli v. Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et***

b'mod mhux ġust fil-kawża odjerna meta jiġi kkunsidrat illi sanzjoni daqshekk serja mogħtija bil-liġi tirrikjedi ta' l-anqas illi ikun hemm prova tanġibbli tal-allegazzjoni magħmula li mhux biss tirriżulta fil-mument tat-testment, imma li kienet tali li wasslet lit-testatriċi sabiex tibdel it-testment";

17. Illi l-Qorti jidhrilha li l-mod li bih ir-rikorrent sejjes il-kawżali tiegħu jixhed mill-ewwel li ftit li xejn jista' jingħata raġun. Kif se jitfisser aktar 'il quddiem, biex sentenza titħassar fuq din il-kawżali, jeħtieġ li l-parti ritrattandi tgħid liema liġi kellha titħaddem fil-każ u ma tħaddmitx[28]. Kulma jgħid ir-rikorrent hu li meta din il-Qorti tat is-sentenza attakkata applikat b' "mod mhux ġust" l-artiolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Baqa' ma semmiex liema kienet id-dispożizzjoni tal-liġi li messha tħaddmet u baqgħet ma tħaddmitx;

18. Illi għal dan l-aggravju r-ritrattati jgħidu li dan l-argument tar-rikorrent mhux biss ma jurix li hemm każ li l-liġi kienet applikata ħażin, imma talli lanqas biss kien il-każ ta' liġi tajba li tfissret ħażin. Iżidu jgħidu li, fuq kollox, dan l-argument kien wieħed mis-sisien ewlenin li fuqu r-rikorrent bena l-appell tiegħu mis-sentenza tal-ewwel istanza, u kien saħansitra l-punt diskuss u dibattut li dwaru din il-Qorti tat il-kunsiderazzjonijiet tagħha fis-sentenza attakkata;

[28] Art. 816 tal-Kap 12

19. Illi, kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti tgħid li biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, id-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwistjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

20. Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi mħaddma liġi li ma kinitx tgħodd għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet[29];

21. Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta'

[29] App. Ċiv. **12.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et.***

ritrattazzjoni[30], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba, kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[31];

22. Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-ksur tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[32]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *è la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione è sempre positiva; è un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[33];

23. Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina tagħha. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranità tal-ġudikant u, bħala tali,

---

[30] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef v. Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[31] Mattirolo <u>*Trattato di Diritto Giudiziario Civile*</u> (1904), Vol. IV, §1043
[32] Merċieca <u>*Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*</u> (2005), Kap 6, paġ. 126
[33] Borsari <u>*Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato*</u> (1872), f'§648

m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[34]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[35];

24. Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qiegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[36]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[37] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti. Fil-każ li għandna quddiemna, kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll din il-Qorti fis-sentenza attakkata fissru b'mod ċar is-sekwenza tal-fatti kollha u qiesu r-retroxena li wasslithom biex isibu li t-testment magħmul minn omm il-partijiet kien il-frott tal-pressjoni jew theddid li sar fuqha. Sabu wkoll li dak l-egħmil twettaq mir-rikorrent. Dawk il-fatti tqiesu ma' fatti oħrajn, u kif kien xogħol

---

[34] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb v. Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[35] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et v. Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[36] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et v. Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella v. Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn
[37] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina v. Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

il-Qorti, rat liema minnhom kienu determinanti biex tasal għall-fehma tagħha. Ir-rikorrent jidhirlu li dawk il-fatti meqjusa determinanti mill-Qorti tal-ewwel grad u minn din il-Qorti kienu "ċirkostanzjali". Dik hija l-fehma tiegħu, imma ma tikkostitwix raġuni tajba biex turi li s-sentenza attakkata ħaddmet il-liġi l-ħażina għall-każ. Wisq anqas tikkostitwixxi raġuni li twassal għat-tħassir tas-sentenza attakkata;

25. Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, issib li meta wieħed jagħsar il-bażi tar-raġuni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrent biex jitlob it-tħassir tas-sentenza attakkata, wieħed isib li hemm ukoll l-ostaklu tal-*proviso* tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12. Kif sewwa jgħidu r-ritrattati, din il-Qorti qiegħda issa tintalab tagħti tifsira ta' liġi li dwarha din il-Qorti (fis-sentenza attakkata) espressament diġa` tat deċiżjoni;

26. Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent għat-tħassir tas-sentenza fuq il-bażi ta' din il-kawżali ta' ritrattazzjoni;

27. Illi **dwar il-kawżali tas-sentenza milquta minn żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża** (Art. 811(l) tal-Kap 12), ir-rikorrent jgħid li "l-fatt li jagħti l-aktar lok għal ritrattazzjoni huwa l-fatt li effettivament fil-proċess odjern ma hemm l-ebda prova tanġibbli illi turi b'xi mod jew ieħor it-testatriċi kienet imġiegħla tagħmel it-testment".

Imbagħad jgħaddi biex isensel disa' ċirkostanzi probatorji li jew iqis li din il-Qorti fehmithom ħażin jew li saħansitra ma semmiethomx;

28. Illi għal din il-kawżali wkoll, ir-ritrattati jilqgħu billi jirreferu għall-*proviso* tal-Artikolu 811(l) tal-Kodiċi u jgħidu li, fuq is-saħħa ta' dawk id-dispożizzjonijiet biss, din il-Qorti jmissha twarrab l-ilment tiegħu;

29. Illi huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha[38] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

30. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811[39], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li

[38] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi v. Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[39] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli v. Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)

jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[40]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[41];

31. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[42]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[43];

32. Illi, wara li fliet sewwa l-atti tal-kawża fiż-żewġ istanzi u kif ukoll is-sentenza attakkata, din il-Qorti tasal għall-fehma li ma tistax taqbel mar-rikorrent lanqas dwar din il-kawżali. Dan tgħidu għaliex iċ-ċirkostanzi li huwa jressaq ilkoll tqiesu kemm mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u kif ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata. Dawn il-fatti tqiesu safejn kien rilevanti għall-għanijiet tal-azzjoni mibdija mir-ritrattati u fid-dawl tal-

[40] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit v. Michael Żammit Tabona et***
[41] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe v. Mary Camilleri et***
[42] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[43] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et v. Louis Manduca***

eċċezzjonijiet u l-bosta sottomissjonijiet li r-rikorrent għamel biex jipprova jikkonvinċi li t-teżi tiegħu kienet dik it-tajba. Bħalma ngħad hi u tqis il-kawżali l-oħra, il-Qorti jidhrilha li l-"iżbalji" li jsemmi r-rikorrent ma huma xejn aktar minn nuqqas ta' qbil mal-evalwazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti u minn din il-Qorti tal-provi li ressqu l-partijiet. Dan ifisser, għalhekk, li s-sentenza attakkata ma tgħid xejn li mhux minnu jew li, mill-atti tal-kawża jirriżulta mod ieħor. Minbarra dan, lanqas jingħata t-tħassir ta' sentenza fuq din il-kawżali tal-iżball fejn is-supposiżżjoni tal-fatt li l-verita` tiegħu tkun eskluża bla ebda dubju tkun punt kontestat li jkun ġie deċiż fis-sentenza attakkata. Dawk il-fatti tqiesu safejn kienu jikkostitwixxu aggravji mressqa mill-istess rikorrent fir-Rikors tal-Appell tiegħu;

33. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrent lanqas taħt din il-kawżali ma jistħoqqilha tintlaqa';

34. Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

35. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrent ritrattand** Joseph Camilleri għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra tiegħu, billi ma jirriżultawx

il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tal-imsemmija sentenza u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq minnu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R Micallef | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr